Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

Kunsill Lokali |ebbu[ - G]awdex
Triq il-Knisja, |ebbu[
Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322
E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

## NAĦSBU GĦAL 'ILWIEN IR-REBBIEGĦA'

Għat-tieni sena konsekuttiva sejrin norganizzaw il-festi 'ILWIEN IR-REBBIEGĦA' li fost affarijiet oħra ser ikunu komposti minn festi ta' kuluri, kultura, kant, talent lokali u nazzjonali, ikel, fjuri u spettaklu ta' logħob tan-nar tal-art. Filwaqt li ser nerġgħu nġibu spettaklu ta' logħob tan-nar tal-art mill-kmamar tan-nar tal-Imqabba, din is-sena dan l-ispettaklu ser ikun imżewwaq u mkabbar bil-kapaċita' li għandna fil-lokalita' tagħna fejn qegħdin ninvolvu lill-kamra tan-nar tal-Għarb Virtut Fireworks Factory u l-għaqda tan-nar Santa Marija taż-Żebbuġ li barra li ser tgħin fl-organizazzjoni ta' dan l-ispettaklu ser tkun ukoll tipparteċipa. 'ILWIEN IR-REBBIEGĦA' ser jinżamm bejn il-Ġimgħa 23 u l-Ħadd 25 ta' April 2010 fejn l-ispettaklu tan-nar tal-art ser jinżamm nhar is-Sibt 24 ta' April. Nawguraw li jkollna 'Ilwien ir-Rebbiegħa' suċċess kif kellna s-sena l-oħra u li nkomplu sejrin biex ma' dawn il-festi niċċelebraw Jum il-Lokalita' tagħna nhar it-28 ta ' April 2010. Ta' min jinnota li din is-sena għall-ewwel darba ser nintroduċu attivita' għall-anzjani tagħna fejn ser norganizzaw ħarġa kulturali u divertenti lil kull min għandu l-Kartanzjan fil-lokalita' tagħna. Għalhekk ġentilment inħeġġu lill-anzjani tagħna biex iżommu liberu l-ġurnata ta' nhar it-Tnejn 26 ta' April biex nagħmlu minn din il-ġurnata waħda memorabbli.

## JUM IL-LOKALITA' T-28 TA' APRIL 2010

Il-Kunsill Lokali qiegħed jipprepara biex bħal fis-snin l-imgħoddija norganizzaw Jum il-Lokalita' l-ġurnata tat-28 ta' April. Kif isir ta' kull sena l-qofol ta' dawn il-festi jintlaħaq bl-għoti tal-Premju Żebbuġi. Ta' kull sena l-Kunsill Lokali jirrikonoxxi lil dik il-persuna li tkun iddistingwiet ruħha mill-kumplament taċ-ċittadini jew ir-residenti tagħna. Din is-sena l-għażla marret fuq is-Sur Anthony Farrugia li ta' kull l-aħħar Ħadd tax-xahar idur iħabbat il-bibien biex ikabbar il-festa ta' Santa Marija li niċċelebraw fil-lokalita' tagħna. Minn dawn l-avviżi filwaqt li nawguraw lir-rebbieħa ta' dan il-premju prestiġjuż fil-lokalita' tagħna fis-snin l-imgħoddija nifirħu mas-Sur Farrugia li ser ikun hu li ser jingħata dan il-premju Żebbuġi. Ta' min jgħid li l-għażla għal dan il-premju kienet waħda ta' vot unanimu fi ħdan il-Kunsill.

## XOGĦLIJIET FIL- LOKALITA'

Wieħed jista' jinnota x-xogħlijiet li għandna mibdija fit-toroq ta' Triq il-Wied, Triq il-Forn u Triq Santa Marija diġa ngħataw l-ewwel kisja tarmak u qegħdin isiru l-aħħar preparamenti biex fi żmien qasir inkunu nistgħu nagħtu t-tieni kisja kemm il-dawn it-toroq kif ukoll lil Triq tax-Xwejni li twasslek sal-Qbajjar. Meta dawn it-toroq ikunu lesti għandna programmat li niksu Triq iċ-Ċnus kif ukoll it-Triq tal-Konti. Barra minhekk għandna approvat ukoll estenzjoni ta' kisi bil-konkos fi Triq tal-Ħamra ma' dak li

Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

għamilna s-sena l-oħra fil-kantuniera. Dan hemm bżonn isir biex barra li nkunu qegħdin nirranġaw parti oħra minn din it-triq inkunu qegħdin nevitaw il-periklu li hemm f' din il-kantuniera. Il-quddiem ser inkunu qegħdin inżommukom infurmati meta u kif ser norganizzaw dawn ix-xogħlijiet biex nikkawżaw l-inqas inkonvenjent possibbli lir-residenti tagħna.

## IL-FANALI TAT-TOROQ FIL-PARTI ANTIKA TA' MARSALFORN

Kif ħabbarnilkom fl-avviżi li ħriġna qabel, konna approvajna u applikajna biex it-toroq id-Duluri, l-Isqof Pace, il-Munġbell u Triq il-Plejju jiġu mdawwla b' sett ta' fanali ġodda u li jiffrankaw l-enerġija, dawn issa waslu u ġew installati. Wara l-esperjenza pożittiva li kellna meta dawwalna Triq il-Knisja fiż-Żebbuġ b' din is-sistema ta' fanali u ffinanzjati mill-Urban Improvement Funds tal-MEPA nisperaw li dan il-proġett ikun milqugħ tajjeb kemm mir-residenti tagħna biex nibżgħu għall-ambjent kif ukoll nifrankaw l-enerġija u fl-istess ħin inkunu qegħdin insebbħu partijiet oħra fil-lokalita' tagħna. Tajjeb ninfurmawkom li għal dan il-proġett il-Kunsill meta evalwa dan il-proġett barra l-prezz morna u tajna prijorita' lil kwalita'. Fil-fatt dawn il-fanali għandna garanzija fuqhom ta' ħamsa u għoxrin sena u aktar.

## FONDI SPEĊJALI GĦAL PROĠETTI SPEĊJALI

Ma' kull applikazzjoni li jkun hemm ta' fondi speċjali għal proġetti speċjali nkunu attenti biex napplikaw tajjeb u fil-ħin biex inġibu l-massimu possibbli minn dawn l-opportunitajiet li s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali jpoġġi għad-disposizzjoni tagħna. Bi pjaċir ninfurmawkom li diġa bbenefikajna minn fondi għal żewġ attivitajiet li norganizzaw fil-lokalita' tagħna. Għal Festi Pawlini li organizzajna f' Jannar ingħatajna s-somma ta' 5,000 ewro u għal 'Ilwien ir-Rebbiegħa' li norganizzaw f' April diġa ngħatajna s-somma ta' 3,500 ewro. Minn applikazzjoni li għamilna għal sistema ta' *energy saving* għal Kunsill diġa ngħatajna s-somma ta' 2,500 ewro u dan parti minn benefiċċju totali minn din l-applikazzjoni. Barra minn dan issottomettejna applikazzjoni biex inkunu nistgħu niksu bit-turf artifiċjali parti mill-bitħa tal-Iskola Primarja biex dan jintuża kemm mit-tfal tal-iskola kif ukoll mill-plejers taż-Żebbuġ Rovers F.C. Aħna qegħdin inħarsu l-quddiem biex dan il-proġett ikun lest kemm jista' jkun malajr biex kemm l-iskola kif ukoll il-Klabb tal-futbol tal-lokalita' tagħna jibdew jibbenefikaw minn dan il-proġett.

## WIRJA FIŻ-ŻEBBUĠ

Matul l-aħħar ġimgħa ta' April 2010, il-Kunsill Lokali ser itella' wirja fi-bini taċ-Ċentru Parrokkjali. Din il-wirja ser tkun miftuħa għall-pubbliku fil-għaxijiet u matul il-ġurnata fil-*weekend*. Jekk hemm xi persuna mill-lokalita' nteressata tidħol għall-inkarigu ta' din il-wirja u dan ix-xogħol ser ikun bi ħlas, mitlub/a biex tagħmel kuntatt mas-Segretarjat tal-Kunsill Lokali sal-Erbgħa 24 ta' Marzu 2010.

**Carmelo Saliba Sindku – Joe Bajada Viċi Sindku**
**Harry Debono, Joseph Camilleri, Victor Refalo Kunsilliera**

**Il-Ħamis, 18 ta' Marzu 2010** **Nru. 04/2010**